# IL-KNISJA TA' SANTA KATARINA (TAT-TORBA) FIL-QRENDI.



F'din is-sensiela li fiha qed induru u naraw ġrajjiet knejjes iddedikati lil Santa Katarina din is-sena jmissna naraw il-knisja li tinsab fil-bidu tal-Qrendi.

Dan Ir.-raħal huwa mżejjen b'numru ta' knejjes żgħar li qed jiffurmaw parti mill-patrimonju reliġjuż u kulturali tal-Qrendi. Din ta' Santa Katarina hi waħda minnhom u hi magħrufa bħala "Tat-Torba".

Ġiet mibnija fis-sena 1630 minn Beneditt Camilleri u mill-imgħoddi kellha marbut magħha dan il-laqam.

Meta fl-1745 l-isqof Paolo Alpheran żar il-parroċċa tal-Qrendi ħallielna deskrizzjoni ta' din il-knisja. Permezz t'hekk nafu ċertu dettalji interressanti, li l-knisja kellha dak kollu li kien meħtieġ għas-servizz reliġjuż, li l-artal kien tal-ġebel u li kien imżejjen b'erba' gandlieri u salib ta' l-injam. Kellu wkoll sett kartelli tal-glorja. Fuq l-altar kien hemm ukoll pittura tal-qaddisa imdawra bi gwarniċa tal-ġebel u quddiem l-altar kien hemm lampier li dan kien jinxtegħel kull nhar ta' sibt.



Il- festa ta' Santa Katarina kienet tiġi ċċelebrata kull sena. Fl-24 ta' Novembru kien jitkanta l-Għasar u l-għada, jum il-festa tiġi ċċelebrata quddiesa. Beneditt Camilleri kien ħaseb għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa billi ħalla biċċa raba' fl-inħawi ta Wied il-Ħofra li kien fl-inħawi. Id- dħul mill-qbiela kien iservi għal dan il-għan. Din il-fondazzjoni ġiet reġistrata fl-1630 u ġiet ikkonfermata fil-vista pastorali tal-1634. Matul il-medda ta snin din il-knisja tilfet ħafna mill-popolarita' tagħha iżda għal grazzja t'Alla baqgħet wieqfa u billi ftit li xejn il-bini tagħha ġie minsus għadha kif kienet meta inbniet fis-seklu sbatax, u hi l-isbaħ tifkira kif kienu jinbnew il-knejjes tagħna fis-seklu imsemmi.

Meta wieħed ikun dieħel qrib din il-knisja, f'kantuniera tal-mitħna jara niċċa tal-ġebel ta' Santa Katarina u mix-xogħol li fiha u kif ukoll mill-ġebla li għanda jidher li saret ukoll fl-istess żminijiet.

**Tony Terribile.**